



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.9.2020
SWD(2020) 304 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

**Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt
Kapitolu għall-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-Ġermanja**

Li jakkumpanja d-dokument

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt
Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea**

{COM(2020) 580 final} - {SWD(2020) 300 final} - {SWD(2020) 301 final} -
{SWD(2020) 302 final} - {SWD(2020) 303 final} - {SWD(2020) 305 final} -
{SWD(2020) 306 final} - {SWD(2020) 307 final} - {SWD(2020) 308 final} -
{SWD(2020) 309 final} - {SWD(2020) 310 final} - {SWD(2020) 311 final} -
{SWD(2020) 312 final} - {SWD(2020) 313 final} - {SWD(2020) 314 final} -
{SWD(2020) 315 final} - {SWD(2020) 316 final} - {SWD(2020) 317 final} -
{SWD(2020) 318 final} - {SWD(2020) 319 final} - {SWD(2020) 320 final} -
{SWD(2020) 321 final} - {SWD(2020) 322 final} - {SWD(2020) 323 final} -
{SWD(2020) 324 final} - {SWD(2020) 325 final} - {SWD(2020) 326 final}

RIASSUNT

Is-sistema tal-ġustizzja Ġermaniża hija kkaratterizzata mill-istruttura federali tal-pajjiż u r-rwol importanti tal-*Länder* fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Il-livell ta' indipendenza ġudizzjarja perċepita huwa għoli. Dan l-aħħar kienu qed jiġu diskussi salvagwardji għall-indipendenza tal-prosekuturi. Is-sistema tal-ġustizzja Ġermaniża fil-biċċa l-kbira tagħha qed taħdem b'mod effiċjenti, minkejja li xi indikaturi kienu qed juru li l-prestazzjoni kumplessiva kienet qed tbatti. Qegħdin isiru sforzi partikolari biex tiġi żviluppata aktar id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja, li tista' tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-effiċjenza u tal-kwalità tagħha. Il-“Patt għall-Istat tad-Dritt” tal-2019 bejn il-livell federali u l-istati federali se jwassal għal aktar fondi għas-sistema tal-ġustizzja u l-ħolqien ta' 2 000 post ġdid għall-imħallfin u l-prosekuturi sa tmiem l-2021. Dan huwa rilevanti wkoll fid-dawl tal-għadd ta' mħallfin u prosekuturi li se jirtiraw fis-snin li ġejjin.

Il-qafas legali, regolatorju u istituzzjonali kontra l-korruzzjoni jinsab fil-biċċa l-kbir fis-seħħ, bil-*Länder* li għandhom f'idejhom l-implimentazzjoni tal-politiki repressivi kontra l-korruzzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kawżi kriminali. Fil-livell federali u fil-maġġorparti tal-*Länder* teżisti l-politika ta' “revolving doors”. Fir-rigward tal-lobbying, ir-reġistrazzjoni mandatorja tal-kuntatti maż-żewġ membri tal-Parlament Federali u l-membri tal-Gvern Federali hija nieqsa, minkejja li qed jiġu kkunsidrati riformi f'dan il-qasam. Il-protezzjoni tal-informaturi fil-Ġermanja tiddependi fuq sistema li tkun integrata fl-isfera tan-negozji, li tippermetti lin-nies iserrħu fuq kanal ta' rapportar li jkun addizzjonali għal dak istituzzjonali.

Il-Ġermanja għandha regolamentazzjoni stabbilita fis-sod dwar il-libertà u l-pluraliżmu tal-media, li fil-biċċa l-kbira tagħha hija kompetenza tal-*Länder*. L-14-il awtorità regolatorja tal-media huma aġenziji pubbliċi, b'garanzija legali ta' indipendenza mill-interferenza politika u kummerċjali. It-trasparenza tas-sjeda tal-istrumenti medjatiċi hija għolja u hemm salvagwardji fis-seħħ biex jilqgħu kontra l-interferenza politika mal-media. Il-leġiżlazzjoni kostituzzjonali u sekondarja tiggarantixxi iswed fuq abjad id-dritt tal-ġurnalisti li jipproteġu l-kunfidenzjalità tas-sorsi tagħhom u tirregola d-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni. F'dawn l-aħħar snin, tqajjem xi tħassib rigward l-attakki li qed jiżdiedu fuq il-ġurnalisti.

Is-sistema ta' kontrokontrolli hija stabbilita fis-sod. Qafas tal-valutazzjoni tal-impatt u l-involvement tal-partijiet ikkonċernati jikkontribwixxu għall-kwalità tal-proċess leġiżlattiv. Ir-reviżjoni kostituzzjonali sseħħ kemm fil-livell federali kif ukoll fil-livell tal-*Länder*. Hemm fis-seħħ qafas abilitanti għas-soċjetà ċivili u politika biex l-informazzjoni ssir aċċessibbli għaċ-ċittadini. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu joperaw liberament fil-Ġermanja. Jithegħgu diskussjonijiet fuq bażi regolari dwar suġġetti li jirrigwardaw l-istat tad-dritt kemm mill-perspettiva domestika kif ukoll dik Ewropea, fosthom permezz ta' kampanja pubbliċitarja u ta' informazzjoni fuq livell nazzjonali mwettqa fl-2019 fil-kuntest tal-“Patt għall-Istat tad-Dritt”, li ffukat fuq il-komunikazzjoni tas-sinifikat tal-istat tad-dritt u fuq il-garanziji li dan jipprovdi għaċ-ċittadin individwali kif ukoll għas-soċjetà demokratika.

I. IS-SISTEMA ĠUDIZZJARJA

Is-sistema tal-qradi fil-Ġermanja hija strutturata b'mod federali. Il-ġuriżdzizzjoni tiġi eżerċitata mill-qradi federali u mill-qradi tas-16-il stat federali (“*Länder*”). Il-biċċa l-kbira tal-kompetenza u tal-ammont ta' xogħol rigward l-amministrazzjoni tal-ġustizzja hija tal-*Länder*. L-istruttura tal-qradi hija maqsuma bejn il-ġuriżdzizzjoni ordinarja u l-qradi speċjalizzati. Il-ġuriżdzizzjoni ordinarja tikkonsisti mill-ġuriżdzizzjoni ċivili u kriminali. Il-qradi speċjalizzati huma l-qradi amministrattivi, il-qradi tal-finanzi, il-qradi tax-xogħol u l-qradi soċjali. Il-qradi tal-*Länder* huma ġeneralment amministrati mill-ministeri għall-ġustizzja rispettivi tagħhom. Il-ħatra tal-imħallfin u l-prosekuturi, għajr għall-qradi federali, hija kompetenza tal-*Länder*. Filwaqt li l-proċeduri tal-ħatra jvarjaw f'termini ta' dettalji bejn il-*Länder*, kollha jikkondividu elementi fundamentali ewlenin, b'mod partikolari l-prinċipju tal-mertu (*Leistungsprinzip*)¹ u l-istħarriġ ġudizzjarju tal-proċess u d-deċiżjoni relatata mal-ħatra. Għall-Qradi Federali, kumitat tal-għażla tal-imħallfin (*Richterwahlausschuss*) jagħżel imħallfin għall-ħatra mill-eżekuttiv u l-Kunsill tal-imħallfin (*Präsidialräte*) tal-qradi rilevanti jridu jiġu kkonsultati f'dan il-proċess.² Bħalissa hemm 638 qradi lokali, 115-il qradi reġjonali u 24 qradi reġjonali superjuri bħala parti mill-ġuriżdzizzjoni ordinarja. Hemm ulterjorment 51 qradi amministrattiva, 15-il qradi amministrattiva superjuri, 18-il qradi finanzjarja, 108 qradi tax-xogħol, 18-il qradi tax-xogħol superjuri, 68 qradi soċjali u 14-il qradi soċjali superjuri fis-16-il *Land*³ kollha. Fil-livell federali, il-Ministru Federali għall-Ġustizzja huwa inkarigat mill-Qradi Federali tal-Ġustizzja, mill-Qradi Federali Amministrattiva u mill-Qradi Federali tal-Finanzi. Il-Ministeru Federali għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali huwa responsabbli mill-Qradi Federali tax-Xogħol u mill-Qradi Federali Soċjali. Ir-reviżjoni kostituzzjonali tiġi aċċertata mill-Qradi Kostituzzjonali Federali u mill-qradi kostituzzjonali tal-*Länder*. Is-servizzi tal-prosekuzzjoni fil-Ġermanja huma parti mill-eżekuttiv, fil-livell federali mal-Prosekutur Ġenerali fil-Qradi Federali tal-Ġustizzja. Fil-livell tal-*Länder*, kull *Land* għandu s-servizz ta' prosekuzzjoni pubblika tiegħu stess. Hemm 27 Kamra tal-Avukati reġjonali fil-Ġermanja⁴. It-28 Kamra tal-Avukati fil-Ġermanja jaqgħu taħt il-kappa tal-Kamra tal-Avukati Federali Ġermaniża f'Berlin.

Indipendenza

L-indipendenza perċepita tal-qradi u tal-imħallfin fost il-pubbliku ġenerali u l-kumpaniji għadha waħda għolja. Kumplessivament, 76 % tal-popolazzjoni ġenerali u 73 % tal-kumpaniji jipperċepixxu l-livell ta' indipendenza tal-qradi u tal-imħallfin bħala “pjuttost tajba jew tajba ħafna”⁵. Il-livell għoli ta' indipendenza ġudizzjarja perċepita baqa' stabbli matul dawn l-aħħar snin⁶. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-partijiet ikkonċernati bħall-

¹ Dan għandu l-fondamenti tiegħu fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 33 tad-Dritt Bażiku; prinċipalment fuq il-bażi tal-marki fiż-żewġ eżamijiet ġuridiċi tal-istat.

² Il-kumitat tal-għażla tal-imħallfin (*Richterwahlausschuss*) huwa kompost minn partijiet indaqs tal-ministri responsabbli tal-istati federali u tal-membri magħżula mill-Parlament Federali. Ara l-Liġi dwar l-Elezzjoni tal-Imħallfin (*Richterwahlgesetz*) u l-Liġi Ġermaniża dwar l-Imħallfin (*Deutsches Richtergesetz*), l-Artikoli 54-55. F'ċerti *Länder* jeżistu kumitati simili. Barra minn hekk, il-proċess u d-deċiżjoni tal-ħatra jew in-nuqqas ta' ħatra huwa soġġett mija fil-mija għall-kontroll ġudizzjarju quddiem il-qradi amministrattivi.

³ Il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (2020).

⁴ Barra minn hekk, hemm kamra speċjali tal-avukati għall-avukati b'jedda ta' smiġh fi kwistjonijiet ċivili fil-Qradi Federali tal-Ġustizzja.

⁵ Il-Figuri 44 u 46, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020. Il-livell ta' indipendenza ġudizzjarja perċepita huwa kkategorizzat kif ġej: baxx ħafna (anqas minn 30 % tar-rispondenti jipperċepixxu l-indipendenza ġudizzjarja bħala pjuttost tajba u tajba ħafna); baxx (bejn 30-39 %), medju (bejn 40-59 %), għoli (bejn 60-75 %), għoli ħafna ('il fuq minn 75 %).

⁶ It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE mill-2013 sal-2020.

Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Imħallfin u l-Prosekuturi, il-Kumitat Nazzjonali Ġermaniż tal-Avukati u l-Kamra tal-Avukati Federali Ġermaniża⁷. L-indipendenza tas-sistemi tal-ġustizzja tal-Ġermanja hija żgurata b'diversi salvagwardji, li jinkludu b'mod partikolari l-kontroll ġudizzjarju fuq il-legalità ta' kull deċizzjoni relatata mal-ġudikatura, bħall-ħatriet, l-evalwazzjonijiet professjonali, il-promozzjonijiet, is-sanzjonijiet dixxiplinari u t-tkeċċijiet⁸. Barra minn hekk, is-sistema tal-ġustizzja tal-Ġermanja fiha għadd ta' elementi ta' awtoamministrazzjoni ġudizzjarja⁹.

Għaddejja diskussjoni dwar id-dritt tal-Ministri għall-Ġustizzja li jagħtu struzzjonijiet lill-prosekuturi f'każijiet individwali. Bħala reazzjoni għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tal-Mandat ta' Arrest Ewropew kienet ġiet proposta emenda biex dan id-dritt jiġi abolit¹⁰, billi s-sentenza kkonstatat li l-uffiċċji tal-Prosekutur Pubbliku tal-Ġermanja ma jipprovdwx biżżejjed garanzija tal-indipendenza mill-eżekuttiv għall-finijiet tal-ħruġ ta' Mandat ta' Arrest Ewropew. Din l-emenda ġiet miċħuda mill-Parlament Federali fit-28 ta' Mejju 2020¹¹. Strutturalment, is-servizzi tal-prosekuzzjoni huma parti mill-eżekuttiv. Għaldaqstant u kif stipulat fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Liġi dwar is-Sistema Ġudizzjarja¹², il-Ministri għall-Ġustizzja tal-*Länder* u l-Ministru Federali għall-Ġustizzja għandhom il-possibbiltà li jagħtu struzzjonijiet lill-prosekuturi f'każijiet individwali. Din is-setgħa hija soġġetta għal salvagwardji. Apparti l-prinċipju tal-legalità¹³, li jiċċirkoskrivi kull azzjoni tas-servizzi tal-prosekuzzjoni, u l-prinċipju kostituzzjonali tal-istat tad-dritt¹⁴, hemm salvagwardji addizzjonali fil-livell federali u tal-*Länder*¹⁵. L-effett kumplessiv huwa li jkun żgurat li kwalunkwe struzzjoni f'każ speċifiku, jiġri x'jiġri, ma tkunx tista' tmur lil hinn mil-limiti tal-liġi¹⁶. Barra minn hekk, kemm l-awtoritajiet kif ukoll il-partijiet ikkonċernati spjegaw li l-każijiet fejn dan id-dritt ta' struzzjoni jiġi eżerċitat huma

⁷ Informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż u tal-proċess ta' konsultazzjoni għar-rapport, pereż. il-kontribut mill-Kamra tal-Avukati Federali Ġermaniża.

⁸ B'mod partikolari, l-Artikolu 97 id-Dritt Bażiku dwar l-Indipendenza Ġudizzjarja.

⁹ Kontribut mill-Ġermanja għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, taħt il-punt 5.

¹⁰ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tas-27 ta' Mejju 2019, *OG u PI*, il-Kawżi Magħquda C-508/18 u C-82/19 PPU. B'konsegwenza tas-sentenza, il-Mandati ta' Arrest Ewropej, fil-Ġermanja, issa jinħarġu minn imħallef. Ara wkoll ir-Rapport mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tad-Deċizzjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, COM(2020) 270 final, pp. 5-6.

¹¹ L-emenda ġiet proposta minn partiti fl-oppożizzjoni u ma kisbitx maġġoranza parlamentari. Deutscher Bundestag, *Plenarprotokoll 19/163*, it-28 ta' Mejju 2020.

¹² B'mod partikolari, il-paragrafi 146 – 147 tal-Liġi Ġermaniża dwar is-Sistema Ġudizzjarja ("*Gerichtsverfassungsgesetz*").

¹³ Il-paragrafi 152 tal-Kodiċi Ġermaniż tal-Proċedura Kriminali ("*Strafprozessordnung*").

¹⁴ Il-paragrafi 3 tal-Artikolu 20 tad-Dritt Bażiku.

¹⁵ Il-Figura 55, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020; pereż. il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u l-partiti fil-Gvern tas-Sassonia ddikjaraw l-impenn tagħhom li ma jeżerċitawx id-drittijiet tagħhom li jagħtu struzzjonijiet. Il-Ministeru ta' Thüringen ħa impenn li ma jagħtix struzzjonijiet f'każijiet individwali, il-Ministeru ta' Nordrhein-Westfalen u tal-Gvern tas-Sassonia t'Isfel hađu impenn li jagħtu struzzjonijiet individwali f'każijiet eċċezzjonali biss. Filwaqt li ma hemm l-ebda liġi federali, hemm ċertu liġijiet tal-istat kif ukoll regolamenti u linji gwida federali u tal-istat li jistabbilixxu regoli dwar l-istruzzjonijiet. L-istruzzjonijiet tal-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u tal-Ministeri ta' Nordrhein-Westfalen u Thüringen jeħtieġu li jkunu bil-miktub, f'Thüringen iridu jkunu wkoll motivati, fis-Sassonia t'Isfel iridu jkunu bil-miktub jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim u f'Schleswig-Holstein jeħtieġ li jkunu dokumentati bil-miktub u rapportati lill-President tal-Parlament.

¹⁵ Kontribut mill-Ġermanja għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

¹⁶ Kontribut mill-Ġermanja għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, taħt il-punt 8.

rari ferm¹⁷. Din il-prassi, flimkien mas-salvagwardji legali fis-seħħ, jidher li timmitiga r-riskju ta' użu ħażin tad-dritt ta' struzzjoni¹⁸.

Kwalità

Id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-qراطي miexja 'l quddiem, iżda tibqa' sfida għal żmien itwal. Fl-1 ta' Jannar 2018, daħal fis-seħħ l-Att dwar l-Introduzzjoni tal-Files Elettroniċi fil-Ġudikatura u t-Titjib ulterjuri tal-Komunikazzjoni Elettronika Ġuridika. Skont din il-liġi, il-qراطي u l-prosekuturi pubbliċi se jkunu obbligati li jżommu l-files tal-qراطي u l-files proċedurali esklussivament bħala files elettroniċi mill-1 ta' Jannar 2026 'l aktar tard. Il-partijiet ikkonċernati spjegaw li bħalissa l-użu ta' għodod tal-IT jista' jvarja minn qorti għall-oħra, irrispettivament mill-istat federali¹⁹. Il-*Länder* huma involuti fi tliet networks fuq skala kbira biex jimplimentaw id-diġitalizzazzjoni sħiħa tal-files tal-qراطي ("*elektronische Akte*")²⁰. Il-livell federali qed jieħu sehem f'uħud minn dawn in-networks, skont il-qراطي federali rispettiva. Diġitalizzazzjoni ulterjuri se tiffinforza l-isforzi biex tiġi promossa l-kwalità tas-sistema tal-ġustizzja. B'mod partikolari, il-Ġermanja tipprevedi arranġamenti biex jiġu prodotti deċiżjonijiet ġudizzjarji li jinqraw mill-magni, il-promozzjoni tal-metodi ta' Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim u inċentivi biex jintużaw, arranġamenti biex is-sistema tal-ġustizzja ssir aktar faċilment aċċessibbli għat-tfal, taħriġ għall-imħallfin, kif ukoll l-użu ta' sondaġġi tal-utenti tal-qراطي u s-segwitu tagħhom²¹. Madankollu, jidher li l-Ġermanja għandha tariffi tal-qراطي relattivament għolja għal ċerti kategoriji ta' każijiet, bħal talbiet tal-konsumatur b'valur baxx jew każijiet kummerċjali speċifiċi li jinvolvu element transfruntiera²².

Is-sistema tal-ġustizzja se jkollha għadd ta' mħallfin u prosekuturi li jilħqu l-età tal-irtirar fis-snin li ġejjin. Kemm l-awtoritajiet kif ukoll il-partijiet ikkonċernati indikaw li f'diversi *Länder*, b'mod partikolari fin-naħat tal-Lvant, l-irtirar previst tal-persuni se jiżdied b'mod sinifikanti matul is-snin li ġejjin. Dan se jirrikjedi l-attenzjoni kemm tal-Ministeri għall-Ġustizzja kif ukoll għall-Finanzi biex jiġi aċċertat li jiġu rreklutati biżżejjed imħallfin u prosekuturi ġodda. Il-partijiet ikkonċernati wrew xi tħassib rigward dak li huwa meqjus bħala nuqqas ta' salarji kompetittivi fil-grad bażi għall-imħallfin u l-prosekuturi ġodda, b'mod partikolari meta mqabbla mal-prassi tal-privat, li jżid id-diffikultajiet biex jiġu attirati biżżejjed persuni gradwati kwalifikati lejn is-servizzi tal-prosekuzzjoni u l-qراطي²³. Din l-

¹⁷ Informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż u tal-proċess ta' konsultazzjoni għar-rapport, pereż. kontribut bil-miktub mill-Kunsill Nazzjonali Ġermaniż tal-Avukati.

¹⁸ Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni Rec(2000)19 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, il-paragrafu 13(d): "*fejn il-gvern ikollu s-setgħa li jagħti struzzjonijiet biex iressaq il-qراطي każ speċifiku, tali struzzjonijiet iridu jgħorru magħhom garanziji adegwati li t-trasparenza u l-ekwità huma mħarsa skont il-liġi nazzjonali*". Fir-rigward tas-salvagwardji, ara l-paragrafu 13 (il-punti minn d sa e).

¹⁹ Informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż u tal-proċess ta' konsultazzjoni għar-rapport, pereż. kontribut bil-miktub mill-Kunsill Nazzjonali Ġermaniż tal-Avukati.

²⁰ eAS (*Baden-Württemberg, is-Sassonja, Schleswig-Holstein, Thüringen*), eIP (*il-Bavarja, Berlin, Brandenburg, Hamburg, Rheinland-Pfalz, Mecklenburg-Vorpommern*), e²A (*Bremen, Hessen, is-Sassonja t'Isfel, Nordrhein-Westfalen, is-Sassonja-Anhalt, Saarland*).

²¹ Il-Figuri 29, 30, 31, 38, 39, 41, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020.

²² Ara n-nota preċedenti, il-Figuri 24 u 25.

²³ Informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż u tal-proċess ta' konsultazzjoni għar-rapport, pereż. il-kontribut bil-miktub mill-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Imħallfin u l-Prosekuturi, p. 7.

isfida jaf tkun aktar notevoli f'xi partijiet tal-pajjiż, minħabba li l-livelli tas-salarji jistgħu jvarjaw bejn il-*Länder* sa massimu ta' 17 %²⁴.

Sabiex issaħħaħ is-sistema tal-ġustizzja u l-istat tad-dritt, il-Ġermanja qed timplimenta “Patt għall-Istat tad-Dritt”²⁵, li jinkludi riżorsi addizzjonali, kemm fil-livell federali kif ukoll fil-livell tal-*Länder*. Fil-31 ta' Jannar 2019, il-livell federali u l-*Länder* qablu dwar “Patt għall-Istat tad-Dritt”. Dan tal-aħħar jipprevedi finanzjament addizzjonali ta' EUR 220 miljun mil-livell federali għal-*Länder* biex jinħolqu 2 000 post għall-imħallfin u l-prosekuturi, inkluż il-persunal amministrattiv meħtieġ sal-31 ta' Diċembru 2021. Barra minn hekk, il-livell federali qed johlq, fl-isfera ta' kompetenza tiegħu, 24 post addizzjonali fil-Qorti Federali tal-Ġustizzja u 71 post mal-Prosekutur Ġenerali tal-Qorti Federali tal-Ġustizzja biex isaħħaħ is-sistema tal-ġustizzja²⁶. Il-“Patt għall-Istat tad-Dritt” huwa perċepit b'mod pożittiv ħafna mill-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari mill-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Imħallfin u l-Prosekuturi, billi dan iwieġeb għal talbiet li ilhom isiru sabiex ir-riżorsi fis-sistema tal-ġustizzja jiġu rrinfurzati²⁷, li huwa rilevanti wkoll fid-dawl tal-isfidi addizzjonali mistennija relatati mal-mewġa li ġejja ta' persuni li waslu biex jirtiraw.

Effiċjenza

Is-sistema tal-ġustizzja Ġermaniża fil-biċċa l-kbira tagħha qed taħdem b'mod effiċjenti, minkejja li xi indikaturi kienu qed juru li l-prestazzjoni kumplessiva kienet qed tbatti. Il-qrati tal-prim'istanza f'kawżi ċivili u kummerċjali litiġjużi fil-biċċa l-kbira jirnexxilhom jittrattaw l-ammont ta' xogħol tagħhom, kif indikat bi clearance rate qrib il-100 %. Madankollu, fl-2018, il-clearance rate niżlet għal 97,2 %²⁸. Id-dewmien tal-proċedimenti fil-kawżi ċivili u kummerċjali litiġjużi tal-prim'istanza ilu jiżdied b'mod kostanti sa mill-2012²⁹. Dan ġie indikat ukoll mill-partijiet ikkonċernati³⁰. Il-qrati amministrattivi kważi dejjem jaħdmu b'mod effiċjenti, b'mod partikolari fit-tielet istanza fejn iż-żmien meħtieġ biex jiġu deċiżi l-kawżi huwa konsiderevolment anqas milli fil-qrati amministrattivi tal-prim'istanza u tat-tieni istanza³¹. Madankollu, il-qrati amministrattivi kellhom livell relattivament għoli ta' kawżi deħlin³², li huwa rifless ukoll f'għadd relattivament għoli ta' kawżi pendenti³³.

II. QAFAS KONTRA L-KORRUZZJONI

Il-Ġermanja għandha diversi awtoritajiet responsabbli mill-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni tal-korruzzjoni, li jinkludu l-Ministeru Federali għall-Intern, il-Binjiet u l-Komunità, il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u għall-Protezzjoni tal-Konsumatur, l-Istituzzjoni Suprema tal-

²⁴ L-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati enfasizzaw li d-differenza fil-pagi battiet f'dawn l-aħħar snin, b'segwitu għal deċiżjoni rilevanti tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tal-5 ta' Mejju 2015 (2 BvL 17/09), iżda xorta għadha tista' tirrappreżenta sa massimu ta' 17 % fil-grad bażi ta' R1; f'dan ir-rigward ara l-kontribut mill-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Imħallfin u l-Prosekuturi għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 7.

²⁵ *Pakt für den Rechtsstaat*. Il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (2019), *Patt għall-Istat tad-Dritt*.

²⁶ Kontribut mill-Ġermanja għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, taħt il-punt 13.

²⁷ Il-Kontribut tal-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Imħallfin u l-Prosekuturi għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 9.

²⁸ Il-Figura 11, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020.

²⁹ Il-Figura 6, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020.

³⁰ Informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż u tal-proċess ta' konsultazzjoni għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, pereż. kontribut mill-Kunsill Nazzjonali Ġermaniż tal-Avukati.

³¹ Il-Figura 9, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020.

³² Il-Figura 4, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020.

³³ Il-Figura 15, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2020.

Awditjar, l-Unità tal-Intelligence Finanzjarja, l-Uffiċċju Federali għall-Ġustizzja, l-Uffiċċju Federali tal-Pulizija Kriminali, u l-awtoritajiet kompetenti (il-qrati u l-uffiċċji tal-prosekuzzjoni) tal-istati federali. Xi *Länder* għandhom uffiċċji tal-prosekuzzjoni speċjalizzati fuq ir-reati tal-korruzzjoni, filwaqt li oħrajn għandhom għarfien espert speċifiku relatat mal-korruzzjoni mifrux mal-uffiċċji kollha tal-prosekuzzjoni. Id-Direttiva li tirrigwarda l-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni fl-Amministrazzjoni Federali tipprovdi l-qafas ġuridiku fir-rigward tal-prevenzjoni. Hija kkumplementata minn linji gwida dettaljati u kodiċijiet ta' kondotta komprensivi, li għandhom l-għan li jipprevenu l-korruzzjoni fil-livell federali.

Il-Ġermanja għandha punteġġ ta' 80/100 fl-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni ta' Transparency International u ġiet ikklassifikata fil-ħames post fl-Unjoni Ewropea u fid-disa' post fid-dinja. Daqs 53 % tar-rispondenti għall-Ewrobarometru tal-2020 dwar il-korruzzjoni huma tal-fehma li l-korruzzjoni hija mifruxa sew f'pajjiżhom (il-medja tal-UE hija 71 %) iżda huma biss 9 % tal-persuni li jħossuhom milquta personalment mill-korruzzjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum (il-medja tal-UE hija 26 %). Fir-rigward tan-negozji, 31 % tal-kumpaniji jqisu li l-korruzzjoni hija mifruxa sew (il-medja tal-UE hija 63 %). Skont is-sondaġġi, 22 % tal-kumpaniji huma tal-fehma li l-korruzzjoni hija problema meta jinnegozjaw (il-medja tal-UE hija 37 %). Daqs 33 % tan-nies jidhrilhom li hemm biżżejjed prosekuzzjonijiet li rnexxew biex inaffru lin-nies mill-prattiki korrotti (il-medja tal-UE hija 36 %) filwaqt 41 % tal-kumpaniji huma tal-fehma li n-nies u n-negozji li jinqabdu bit-tixħim ta' uffiċjal f'kariga mlaħħqa jiġu kkastigati kif suppost (il-medja tal-UE hija 31 %).

Il-Ġermanja għand qafas istituzzjonali komprensiv għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Il-qafas istituzzjonali federali kontra l-korruzzjoni jinkludi l-Ministeru Federali għall-Intern, il-Binjet u l-Komunità, il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u għall-Protezzjoni tal-Konsumatur, l-Istituzzjoni Suprema tal-Awditjar u l-Uffiċċju Federali tal-Pulizija Kriminali. Ġie stabbilit ukoll network ta' persuni ta' kuntatt għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni, li l-OECD iddeskriviet bħala “prassi tajba” fil-livell internazzjonali³⁴. Dawn il-persuni ta' kuntatt jipprovdu assistenza u konsulenza għaċ-ċittadini u għall-impjegati rigward il-mistoqsijiet jew it-tħassib relatati mal-korruzzjoni³⁵.

L-implimentazzjoni tal-politiki repressivi kontra l-korruzzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kawżi kriminali tinsab f'idejn il-*Länder*. Ir-rapport uffiċjali tal-pulizija dwar il-korruzzjoni jirrapporta 4 894 każ ta' korruzzjoni rreġistrati għand il-pulizija fl-2017³⁶. Meta mqabbel mas-sena ta' qabel, dan ifisser tnaqqis ta' 25 %. Madankollu, l-għadd ta' suspettati żdied bi 15 %. Id-dannu finanzjarju kkawżat mill-korruzzjoni laħħaq il-EUR 291 miljun, li jirrappreżenta żieda ta' 137 %. Xi *Länder* għandhom uffiċċji tal-prosekuzzjoni speċjalizzati fuq ir-reati tal-korruzzjoni, filwaqt li oħrajn għandhom għarfien espert speċifiku relatat mal-korruzzjoni mifrux mal-uffiċċji kollha tal-prosekuzzjoni. Fir-rigward tal-investigazzjonijiet ta' tixħim barrani, il-pajjiż ġie evalwat bħala wieħed mill-aktar pajjiżi li jinfurzew il-Konvenzjoni dwar il-Ġlieda Kontra t-Tixhim³⁷.

Il-Ġermanja għandha qafas regolatorju rigoruż għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni. Il-qafas tal-prevenzjoni tal-korruzzjoni huwa inkluż f'diversi dispożizzjonijiet kemm fil-livell

³⁴ Il-Ministeru Federali għall-Intern, il-Binjet u l-Komunità (2019), Prevention of Corruption in the Federal Administration: Annual report for 2018.

³⁵ Il-Ministeru Federali għall-Intern, il-Binjet u l-Komunità (2019), Prevention of Corruption in the Federal Administration: Annual report for 2018.

³⁶ *Bundeskriminalamt, Bundeslagebild Korruption 2017, Bundeskriminalamt, 2019, p. 2.*

³⁷ Implementing the OECD anti-bribery convention, phase 4 report, 2018.

federali kif ukoll fil-livell tal-istat. Id-Direttiva li tirrigwarda l-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni fl-Amministrazzjoni Federali (CPD) tipprovdi l-qafas ġuridiku fir-rigward tal-prevenzjoni tal-korruzzjoni fil-Gvern Federali.³⁸ L-implimentazzjoni tagħha tiġi mmonitorjata minn korpi differenti, bħall-unità prinċipali fil-Ministeru Federali għall-Intern u l-Qorti tal-Awdituri Federali. Bħalissa hija prevista reviżjoni tas-CPD mill-Ministeru Federali għall-Intern. Is-CPD hija kkumplementata minn linji gwida dettaljati għall-implimentazzjonijiet (Kodiċi ta' Kondotta, Gwida għas-Superviżuri u l-Awtoritajiet Pubbliċi, Fokus dwar il-Valutazzjoni tar-Riskju). Barra minn hekk, il-ministeri jiżviluppaw il-linji gwida tagħhom stess rigward l-implimentazzjoni (*Umsetzungsrichtlinie*).

Il-Ġermanja implimentat miżuri ta' integrità u ta' prevenzjoni għall-impjegati taċ-ċivil u l-impjegati pubbliċi. Ir-regoli li jirregolaw il-kuntatti mal-partijiet terzi, l-aċċettazzjoni tar-rigali, l-impjieg sekondarju u l-attivitajiet ta' wara li jintemm impjieg jinsabu fil-Kodiċi ta' Kondotta kontra l-Korruzzjoni u l-Gwida għall-Prinċipali u l-Kapijiet tal-Amministrazzjoni, b'rinfurzar ulterjuri mid-dispożizzjonijiet fil-Kodiċi Kriminali, l-Att dwar l-Impjegati taċ-Ċivil Federali u l-Att dwar l-Istatus tal-Impjegati taċ-Ċivil Federali u l-Ftehim Kollettiv għas-Servizz Pubbliku (TVöD). Ir-reati ta' tixħim huma definiti b'mod mifruż u r-responsabbiltà kriminali, b'mod partikolari, tista' tiskatta bis-sempliċi aċċettazzjoni ta' rigali³⁹.

Ir-regoli dwar il-kunflitti ta' interess u d-dikjarazzjonijiet tal-assi għall-membri tal-Parlament Federali ġew riveduti. Id-dikjarazzjoni ta' attivitajiet anċillari remunerati u ta' rabtiet estremi oħra fir-rigward tal-membri tal-Parlament Federali hija rregolata mill-Att dwar il-Membri tal-Parlament Federali⁴⁰, il-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri tal-Parlament Federali u d-Dispożizzjonijiet li Jimplimentaw il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament Federali⁴¹. Il-biċċa l-kbir tal-*Länder* jirrikjedu li jkunu ddikjarati l-attivitajiet remunerati għall-membri tal-parlament, li mhumex ipprojbiti, iżda xi *Länder* għad ma għandhomx leġiżlazzjoni f'dan ir-rigward⁴². Fir-rigward tal-interessi finanzjarji u l-kuntratti mal-awtoritajiet tal-istat, ma hemm l-ebda projbizzjoni jew restrizzjoni fuq iż-żamma ta' interessi finanzjarji mill-membri tal-Parlament Federali jew fuq li dawn jikkonkludu kuntratti mal-awtoritajiet tal-istat⁴³. Il-membri tal-Parlament Federali jridu jiddikjaraw il-parteċipazzjonijiet azzjonarji tagħhom, madankollu dan iridu jagħmluh biss jekk ikunu jaqbu l-25 % tad-drittijiet tal-vot f'kumpanija. L-għadd ta' persunal tal-amministrazzjoni tal-Parlament Federali responsabbli mill-monitoraġġ tal-kunflitti ta' interess d-dikjarazzjoni tal-assi żdied fl-2019. Il-GRECO osserva l-ħtieġa li jissaħħu r-riżorsi sabiex jingħata lok għal verifika effettiva tal-implimentazzjoni tar-regoli⁴⁴. Fir-rigward tal-membri tal-Gvern Federali, hemm dispożizzjonijiet rilevanti fl-Att li jirregola l-istatus ġuridiku tal-membri tal-Gvern Federali⁴⁵. Fl-ambitu ta' dan l-Att, il-membri tal-Gvern Federali ma jistax ikollhom karigi

³⁸ *Die Bundesregierung, Richtlinie der Bundesregierung zur Korruptionsprävention in der Bundesverwaltung*, 2004.

³⁹ *Die Bundesregierung, Richtlinie der Bundesregierung zur Korruptionsprävention in der Bundesverwaltung*, 2004.

⁴⁰ *Bundesministerium der Justiz und für Verbraucherschutz, Gesetz über die Rechtsverhältnisse der Mitglieder des Deutschen Bundestages, Bundesamt für Justiz: Gesetze im Internet*.

⁴¹ *Deutscher Bundestag, Verhaltensregeln für Mitglieder des Deutschen Bundestages* kif ippromulgata fit-18 ta' Ġunju 2013 (BGBl. I, S. 1645).

⁴² Baden-Württemberg, Brandenburg, Mecklenburg-Vorpommern, Rheinland-Pfalz, Thüringen.

⁴³ Madankollu, skont ir-Regola 2 tal-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tal-Parlament Federali, il-membri li jkunu avukati għandhom jinfurmaw lill-President tal-Parlament Federali meta jirrappreżentaw lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fi proċedura ġudizzjarja jew extraġudizzjarja f'każ li jirċievu remunerazzjoni għal dan.

⁴⁴ GRECO Fourth Evaluation Round – Second Compliance Report, ir-Rakkomandazzjoni IV, p. 6.

⁴⁵ *Bundesministergesetz* (BGBl. I S. 1328).

sekondarji u jridu jiddikjaraw ir-rigali li jirċievu b'rabta mal-mandat tagħhom⁴⁶. Id-dikjarazzjoni tal-assi u tal-proprietà mhijiex irregolata. Bl-istess mod, għall-membri tal-Parlament Federali, il-pussess ta' assi jew interess finanzjarji mhuwiex soġġett għal notifika.

Fil-livell federali u fil-maġġorparti tal-*Länder* teżisti politika li tirregola r-“revolving doors”. Fl-2015 ġie introdott perjodu ta' preklużjoni legali għall-Ministri u l-Kanċilliera Federali, kif ukoll għas-Segretarji Parlamentari tal-Istat uxxenti. L-eks membri u l-membri attwali tal-Gvern Federali jridu jinnotifikaw lill-Gvern Federali jekk ikun beħsiebhom jaħdmu barra mis-settur pubbliku fi żmien 18-il xahar minn meta tintemm il-kariga tagħhom mal-Gvern Federali. Is-Segretarji Parlamentari tal-Istat għandhom jinnotifikaw lill-Membri tal-Gvern Federali inkarigat⁴⁷. Xi *Länder* ukoll introduċew perjodi ta' preklużjoni. B'mod kumplessiv, hemm fis-seħħ dispożizzjonijiet simili f'seba' *Länder*, filwaqt li fi tlieta oħra jinsabu għaddejnin diskussjonijiet dwar l-introduzzjoni tagħhom⁴⁸.

Il-lobbying huwa rregolat b'regoli differenti li jirregolaw il-kuntatti mal-partijiet terzi għall-membri tal-Parlament federali, il-ministeri federali u l-impjegati taċ-ċivil tal-amministrazzjoni federali. Fir-rigward tal-kuntatti bejn il-membri tal-parlament federali u l-lobbyists, il-Ġermanja għad ma għandhiex reġistru tal-lobbying. Il-President tal-Parlament Federali jżomm lista pubblika u r-rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet li jwettqu lobbying mal-Parlament Federali jew mal-Gvern Federali jinstemgħu biss mill-kumitati tal-Parlament Federali jekk ikunu elenkati f'din il-lista. Madankollu, ir-reġistrazzjoni hija fuq bażi volontarja u tipprevedi obbligu ta' reġistrazzjoni biss għar-rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet, li ma jinkludux l-intrapriżi, il-lobbyists li jaħdmu għal rashom u kategoriji oħra⁴⁹. Fir-rigward tal-impjegati taċ-ċivil fl-amministrazzjoni federali, l-Istrateġija dwar il-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni fiha linji gwida għall-kuntatti bejn l-impjegati taċ-ċivil u l-partijiet terzi.

F'diversi liġijiet speċifiċi għas-settur jeżistu dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-informaturi u l-proċeduri tar-rapportar. Skont ir-regoli attwali, hemm pereżempju obbligu li jiġu stabbiliti kanali ta' rapportar biex tiġi riċevuta u trattata ċertu informazzjoni mingħand l-informaturi fis-settur tas-saħħa⁵⁰. Barra minn hekk, ħafna kumpaniji implimentaw sistemi ta' protezzjoni tal-informaturi, b'segwitu għal rakkomandazzjonijiet tal-Codex Ġermaniż tal-Governanza Korporattiva⁵¹. Il-partijiet ikkonċernati esprimew tħassib fir-rigward tar-riskju ta' livell insuffiċjenti ta' protezzjoni għall-informaturi, skont is-sett ta' liġijiet applikabbli.

III. IL-PLURALIŻMU TAL-MEDIA

Il-libertà tal-espressjoni, il-libertà tal-istampa⁵² u d-dritt għall-informazzjoni huma garantiti fil-Kostituzzjoni (id-Dritt Bażiku)⁵³. L-indipendenza tal-14-il awtorità tal-media huwa minqas fit-trattati interstatali fil-livell nazzjonali u fl-atti tal-*Länder* dwar ix-xandir u l-media

⁴⁶ Il-Bank Dinji, Country Profile Germany.

⁴⁷ Kontribut mill-Ġermanja għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-punt 21.

⁴⁸ Brandenburg, Hamburg, Hessen, is-Sassonia t'Isfel, Nordrhein-Westfalen, Schleswig-Holstein u Thüringen għandhom dispożizzjonijiet fis-seħħ. Għaddejnin diskussjonijiet f'Berlin, Mecklenburg-Vorpommern u fis-Sassonia.

⁴⁹ GRECO Fourth Evaluation Round – Evaluation Report.

⁵⁰ Kontribut mill-Ġermanja għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 15.

⁵¹ Kontribut mill-Ġermanja għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 14.

⁵² Il-Ġermanja tikklassifika fil-ħdax-il post fil-Klassifikazzjoni Dinjija tal-Libertà tal-Istampa ta' Reporters without Borders.

⁵³ Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 5, id-Dritt Bażiku.

speċifiċi għall-istati⁵⁴. Il-liġi Ġermaniża tipprevedi regoli ta' trasparenza li jirrikjedu li tkun iddikjarata s-sjieda fis-settur tal-media tal-aħbarijiet u jkun iddikjarat kull involviment f'entitajiet tal-media mill-partiti politiċi.

Ir-regolamentazzjoni tal-kontenut tal-media hija kompetenza tal-Länder. Ix-xandara privati tar-radju u tat-televiżjoni huma rregolati mill-14-il awtorità regolatorja tal-istat indipendenti differenti (*Medienanstalten*), li huma responsabbli mill-ġħoti tal-liċenzji, l-allokazzjoni tal-frekwenzi u s-superviżjoni tax-xandara privati tar-radju u tat-televiżjoni⁵⁵. Dawn iwettqu monitoraġġ tal-konformità mar-regoli u d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni taż-żgħażaġh, u jippromovu l-proġetti biex itejbu l-litteriżmu fil-media. Jappoġġaw ulterjorment l-introduzzjoni ta' teknoloġija ġdida għax-xandir u jikkontribwixxu għall-iżgurar tad-diversità fix-xandir privat⁵⁶. L-14-il awtorità tal-media huma aġenziji pubbliċi, b'garanzija legali ta' indipendenza mill-interferenza politika u kummerċjali. Għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom setgħat regolatorji wesgħin u d-deċiżjonijiet tagħhom jistgħu jiġu kkontestati quddiem il-qrati amministrattivi. Skont l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020 ("MPM 2020", Media Pluralism Monitor), l-indikatur dwar l-indipendenza u l-effettività tal-awtorità tal-media jindika riskju baxx ħafna fil-Ġermanja⁵⁷.

Il-Kunsill tal-Istampa tal-Ġermanja huwa entità awtoregulatorja mwaqqfa minn pubblikaturi tal-media⁵⁸. L-implimentazzjoni effettiva tad-Dritt Bażiku, li jiggarantixxi l-libertà tal-istampa u jipprojbixxi ċ-ċensura, tiżgura l-indipendenza tal-istampa u tal-korpi awtoregulatorji tagħha mill-interferenza politika. Il-Kunsill tal-Istampa huwa organizzat bħala assoċjazzjoni reġistrata magħmula minn żewġ organizzazzjonijiet tal-pubblikazzjoni u żewġ organizzazzjonijiet tal-ġurnalisti: l-Assoċjazzjoni tal-Pubblikaturi tal-Gazzetti tal-Ġermanja (BDZV), il-Federazzjoni Ġermaniża tal-Ġurnalisti (DJV), il-Union tal-Ġurnalisti Ġermaniżi (dju) fit-Trade Union Magħquda Ġermaniża tas-Servizzi (dju in ver.di) u l-Assoċjazzjoni tal-Pubblikaturi Ġermaniżi tar-Rivisti (VDZ). Bl-indirizzar tal-ilmenti dwar il-komportament tal-istampa, il-Kunsill tal-Istampa jwettaq monitoraġġ tal-konformità mar-regoli etiċi għall-ħidma ta' kuljum tal-ġurnalisti stipulati fil-Kodiċi tal-Istampa tal-Ġermanja u jista' jċanfar pubblikament lis-servizz tal-istampa rilevanti minħabba ksur tal-kodiċi tal-istampa. Il-ħidma tal-Kunsill tal-Istampa hija ffinanzjata mill-kontribuzzjonijiet mingħand l-assoċjazzjonijiet tal-membri u l-bord tal-ilmenti huwa ffinanzjat mill-Gvern Federali Ġermaniż.

F'dak li jirrigwarda t-trasparenza tas-sjieda, il-liġi Ġermaniża għandha dispożizzjonijiet speċifiċi li jirrikjedu li tkun iddikjarata s-sjieda fis-settur tal-media⁵⁹. Ix-xandara kummerċjali jridu jirrapportaw l-informazzjoni dwar is-sjieda sabiex japplikaw għal liċenzja tax-xandir u anki jkollhom waħda, u jridu jirrapportaw dwar il-pjanijiet li jolqtu l-istruttura tal-azzjonisti. L-entitajiet tal-media online jridu jiżguraw it-trasparenza tal-informazzjoni tagħhom dwar is-sjieda billi jikkondividuha fid-dikjarazzjoni obbligatorja tagħhom (*impressum*) fis-siti web tagħhom. F'dak li jirrigwarda l-istampa, dawn l-obbligi ta' trasparenza għad-dikjarazzjonijiet obbligatorji huma stipulati fil-liġijiet tal-istampa tal-istat rispettiv. Il-partiti politiċi jridu jiddikjaraw l-involvement rispettiv tagħhom fl-entitajiet tal-

⁵⁴ Medienanstalten, Il-paġna web tal-bażi ġuridika tal-awtoritajiet tal-media.

⁵⁵ Ix-Xandara tas-Servizz Pubbliku huma mmonitorjati mill-bordijiet superviżorji tagħhom stess.

⁵⁶ Medienanstalten, Il-paġna web dwar l-awtoritajiet tal-media.

⁵⁷ L-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020. Ir-reputazzjoni tajba u l-indipendenza tar-regolaturi ġew ikkonfermati ulterjorment mill-informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż.

⁵⁸ Il-Codex tal-Istampa tal-Ġermanja huwa qafas awtoregulatorju stabbilit mill-Kunsill tal-Istampa tal-Ġermanja.

⁵⁹ L-Artikolu 26 tat-Trattat Interstatali dwar ix-Xandir u t-Telemedia.

media f'konformità mal-Att dwar il-Partiti Politiċi, tal-1967⁶⁰. Skont l-Ghodka għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020, l-indikatur dwar it-trasparenza tas-sjieda tal-media jimmarka bħala baxx skont l-iskala tar-riskju⁶¹.

Il-Ġermanja għandha salvagwardji funzjonanti kontra l-kontroll formali mill-partiti politiċi fuq il-media. L-indikatur dwar l-indipendenza politika tal-media jindika riskju baxx⁶². It-Trattat Interstatali dwar ix-Xandir u t-Telemedia jipprojbixxi ġeneralment ir-reklamar ta' natura politika, ideoloġika jew reliġjuża fis-servizzi tar-radju, it-televiżjoni u l-media awdjoviżiva fuq talba⁶³. Ir-reklamar politiku huwa permess biss matul il-perjodu tal-elezzjonijiet, fejn irid jingħata ħin ta' xandir lill-partijiet kollha li jkun qegħ jipparteċipaw fl-elezzjoni skont il-prinċipju tal-opportunitajiet indaqs⁶⁴. Il-ħin ta' xandir għar-reklamar politiku huwa bla ħlas u ma jista' jinx tara l-ebda ħin ta' xandir addizzjonali. Id-distribuzzjoni tar-reklamar politiku online (lil hinn mis-servizzi tal-media awdjoviżiva fuq talba) bħalissa mhijiex regolata. Madankollu, it-Trattat Interstatali l-ġdid dwar il-Media se jinkludi dispożizzjoni ta' trasparenza dwar ir-reklamar politiku. Il-politiċi u l-partiti normalment ma jirrapportawx dwar l-infiq tagħhom għar-reklamar fuq pjattaformi online.

Il-qafas għall-protezzjoni tal-ġurnalisti huwa fis-seħħ minkejja li hemm xi tħassib dwar l-attakki li qed jiġdiedu fuq il-ġurnalisti. Il-qafas għall-protezzjoni tal-ġurnalisti huwa definit mil-libertà tal-istampa u l-libertà tax-xandir, garantiti skont id-Dritt Bażiku⁶⁵. Dan huwa kkumplementat ulterjorment mill-atti rilevanti tal-*Länder* dwar l-istampa u l-media. Il-ġurnalisti għandhom id-dritt li jipproteġu s-sorsi tagħhom u li jirrifjutaw li jixhdu f'kawżi kriminali, ċivili u amministrattivi. Fuq il-bażi ta' interess leġittimu, id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni huwa garantit mill-Kostituzzjoni u l-aċċess għall-informazzjoni tal-Gvern Federali huwa rregolat mill-Att dwar il-Libertà tal-Infommazzjoni. Tlettax-il *Länd* ippromulgaw oqfsa simili. Il-ġurnalisti huma protetti kontra reati kriminali fuq il-bażi tal-liġijiet kriminali applikabbli għaċ-ċittadini kollha. Bħalissa, ma hemm l-ebda liġi speċifika fil-Ġermanja biex tippoteġi lill-ġurnalisti mill-kriminalità jew biex il-kriminalità rilevanti tiġi investigata. L-istatistika tal-pulizija dwar il-kriminalità ma tqisx lill-ġurnalisti b'mod separat, iżda tagħti stampa ġenerali tar-reati kriminali kontra l-media. Madankollu, l-awtoritajiet Ġermaniżi huma tal-fehma li liġi separata għall-protezzjoni tal-ġurnalisti u rekord separat tal-attakki ma jidhirx li huma meħtieġa fl-isfond tal-istatistika disponibbli dwar il-portata tal-problema⁶⁶. Fil-Ġermanja, id-diffamazzjoni tista' tiġi sanzjonata bil-priġunerija, għalkemm ta' min wieheh jinnota li dan rari ferm li jseħħ fil-prattika⁶⁷. Skont l-Ghodka għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020, l-indikaturi kumplessivi tal-protezzjoni bażika rigward il-professjoni, l-istandards u l-protezzjoni ġurnalistiċi jindika riskju baxx. Madankollu, l-indikatur rilevanti tal-Ghodka għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020 dwar is-sikurezza fiżika jindika riskju għoli. Reporters without Borders ddikjarat li fl-2018 u fl-2019, ġew irrapportati tal-anqas 22 u 13-il attakk rispettivament kontra l-

⁶⁰ *Gesetz über die politische Parteien* (BGBI. I S. 149).

⁶¹ L-Ghodka għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020, p. 12. Din is-sejba ġiet ikkonfermata wkoll mill-informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż.

⁶² L-Ghodka għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020, p. 13.

⁶³ L-Artikoli 7, 58, il-paragrafu 3 tat-Trattat Interstatali dwar ix-Xandir u t-Telemedia.

⁶⁴ L-Artikolu 42 tat-Trattat Interstatali dwar ix-Xandir u t-Telemedia.

⁶⁵ L-Artikolu 5 Id-Dritt Bażiku.

⁶⁶ Kontribut mill-Ġermanja għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-punt 34.

⁶⁷ L-Ghodka għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020, MPM 2020, p. 9.

ġurnalisti.⁶⁸ Fl-2019 u fl-2020, il-Pjattaforma tal-Kunsill tal-Ewropa għall-promozzjoni tal-protezzjoni tal-ġurnaliżmu u s-sikurezza tal-ġurnalisti ppubblikati ħames allerti għall-Ġermanja, li jirrigwardaw każijiet ta' attakki kontra s-sikurezza fiżika, fastidju u intimidazzjoni tal-ġurnalisti u atti oħra b'effetti ta' tkexxix fuq il-libertà tal-media⁶⁹.

IV. KWISTJONIJIET ISTITUZZJONALI OĦRA RELATATI MAL-KONTROKONTROLLI

Il-Ġermanja hija repubblika federali demokratika magħmula minn sittax-il stat federali (*Länder*). Il-poter huwa mqassam bejn il-gvernijiet federali u statali. Is-separazzjoni tal-poteri hija minqax fid-Dritt Bażiku⁷⁰ u fil-kostituzzjonijiet tal-*Länder*. Fil-livell federali, il-poter leġiżlattiv federali huwa eżerċitat mill-Parlament Federali (*Bundestag*) u l-korp rappreżentattiv tal-*Länder* (*Bundesrat*)⁷¹. Il-Gvern, il-*Bundesrat* jew il-membri tal-*Bundestag* jistgħu jippreżentaw proposti leġiżlattivi.⁷² L-Istitutizzjoni Ġermaniża għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Aġenzija Federali kontra d-Diskriminazzjoni jikkontribwixxu biex jiġu rrispettati d-drittijiet fundamentali.

It-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt u l-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati huma prattiki stabbiliti għall-promulgazzjoni tal-leġiżlazzjoni. Fil-Ġermanja, ilu jeżisti korp nazzjonali għar-regolamentazzjoni aħjar sa mill-2016, biex jagħti pariri lill-Gvern Federali dwar dawn il-kwistjonijiet. F'Novembru 2019, il-Gvern Federali ddeċieda li jippubblika online l-kontribuzzjonijiet kollha tal-partijiet ikkonċernati li jirrigwardaw proposti leġiżlattivi federali, sabiex isahha it-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv fil-livell federali. Dan l-iżvilupp intlaqa' tajjeb ukoll mill-Grupp ta' Stati tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-Korruzzjoni bħala "*pass sinifikanti fit-titjib tat-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv min-naħa tal-Gvern Federali*"⁷³. Huwa ppjanat ukoll li dan jingħaqad fi pjattaforma unika, billi bħalissa, kull ministeru federali qed jippubblika tali kontribuzzjonijiet fuq is-sit web rispettiv tiegħu⁷⁴.

Ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali huwa żgurat b'diversi modi. Ir-reviżjoni kostituzzjonali sseħħ kemm fil-livell federali kif ukoll fil-livell tal-*Länder*. Fil-livell federali, id-Dritt Bażiku jipprevedi għadd ta' proċeduri differenti li jagħtu lok għal reviżjoni kostituzzjonali mill-Qorti Kostituzzjonali Federali⁷⁵. Dawn jinkludu l-istħarriġ ġudizzjarju astratt u ġudizzjarju tal-istatuti, l-istħarriġ ġudizzjarju speċifiku tal-istatuti, it-tilwimiet bejn il-livell federali u l-*Länder*, it-tilwimiet bejn l-organi kostituzzjonali u l-ilmenti kostituzzjonali individwali, li f'każijiet eċċezzjonali, jaf jinkludu wkoll ir-reviżjoni kostituzzjonali tal-istatuti. Il-Qorti Kostituzzjonali Federali tista' wkoll toħroġ mandati ta' inibizzjoni preliminari. Ir-reviżjoni tal-kostituzzjonalità teżisti wkoll fil-livell tal-*Länder*. Għal-liġijiet tal-istat, tiġi eżerċitata mill-Qorti Kostituzzjonali rispettivi tal-*Länder*. Ir-reġim ġenerali fis-seħħ għar-reviżjoni kostituzzjonali huwa ġeneralment meqjus bħala effettiv.

⁶⁸ Kampanji ta' intimidazzjoni, speċjalment permezz tal-media soċjali, attakki mill-estremisti tan-naħa tal-lemin, pulizija li ma jħallux lill-ġurnalisti jaħdmu matul xi dimostrazzjonijiet. Reporters without Borders (2019, 2020) World Press Freedom Index, p. 3.

⁶⁹ Il-Kunsill tal-Ewropa, Platform to promote the protection of journalism and safety of journalists.

⁷⁰ L-Artikolu 20 Id-Dritt Bażiku.

⁷¹ L-Artikoli 70 et seq. Id-Dritt Bażiku.

⁷² Il-proposti mill-*Bundestag* jistgħu jitressqu minn (tal-anqas) 5 % tal-membri tiegħu. Fil-prattika, il-biċċa l-kbira tal-proposti joriġinaw mill-Gvern.

⁷³ GRECO Fourth Evaluation Round – Second Compliance Report, il-paragrafu 38.

⁷⁴ Informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż u l-kontribut tal-Ġermanja għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-punt 21.

⁷⁵ L-Artikoli 93 u 100 Id-Dritt Bażiku; kif ukoll *Bundesverfassungsgericht*, Il-paġna web dwar it-tipi ta' proċedimenti.

Madankollu, is-sentenza riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tal-5 ta' Mejju 2020⁷⁶ ikkawżat xi tħassib rigward l-ambitu tar-reviżjoni kostituzzjonali tagħha b'rabta mal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea⁷⁷. Il-partijiet ikkonċernati indikaw ukoll aspetti speċifiċi rigward il-mekkaniżmi fis-seħħ għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni sodisfaċenti tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali Federali. Jeżisti xi tħassib li ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu effettiv biex jiżgura li s-sentenzi jiġu implimentati f'perjodu ta' żmien stabbilit, kif deher bin-nuqqas ta' segwitu leġislattiv fl-implimentazzjoni ta' sentenza storika dwar il-liġi rigward it-taxxa fuq il-wirt tal-2014⁷⁸ jew fil-livell ta' xi *Länder* fejn l-eżekuttiv ma implimentax deċiżjonijiet tal-qrati amministrattivi fil-qasam tad-dritt tal-Unjoni rigward il-kwalità tal-arja⁷⁹. Aspett ieħor li tqajjem huwa n-nuqqas ta' xi reviżjoni kostituzzjonali rapida tal-liġijiet il-ġodda, meta l-kostituzzjonalità tagħhom tkun dubjuża u meta jkun hemm raġunijiet għaliex wieħed jemmen li l-leġislatur mhux qed jimplimenta mija fil-mija s-sentenzi preċedenti tal-Qorti Kostituzzjonali Federali. L-uniku rimedju disponibbli f'dan il-każ partikolari huwa li jingħata bidu għal ilment ġdid, li jaf iwassal għal piżijiet sinifikanti għall-parti li tippreżenta l-ilment⁸⁰. Fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, ġiet invokata l-Qorti Kostituzzjonali Federali fir-rigward ta' wħud mill-miżuri adottati biex tiġi miġġielda l-pandemija⁸¹, u ordnat mandati ta' inibizzjoni⁸² kontra wħud minnhom. Barra minn hekk, ġew invokati l-qrati amministrattivi fil-Ġermanja fil-proċedimenti għal inibizzjonijiet jew miżuri kawtelari preliminari fir-rigward ta' ċerti miżuri pubbliċi relatati mal-pandemija tal-COVID-19, li f'xi każijiet irnexxew, filwaqt li jinsabu għaddejjin il-proċedimenti prinċipali⁸³.

L-awtoritajiet indipendenti jaqdu rwol fis-salvagwardjar tad-drittijiet fundamentali. L-Istituzzjoni Nazzjonali Ġermaniża għad-Drittijiet tal-Bniedem ingħatat *A-Status* mill-Alleanza Globali tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem f'konformità mal-hekk imsejħa Prinċipji ta' Pariġi⁸⁴. Fir-rigward tal-Aġenzija Federali Kontra d-Diskriminazzjoni, li huwa l-korp nazzjonali għall-ugwaljanza, il-proċedura ta' nomina għat-tmexxija tiegħu tidher li hija suxxettibbli għal dewmien fuq ieħor u tensjonijiet. L-Aġenzija

⁷⁶ Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tal-5 ta' Mejju 2020, 2 BvR 859/15.

⁷⁷ Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-Istqarrija għall-Istampa Nru 58/20 tat-8 ta' Mejju 2020; Dikjarazzjoni mill-President von der Leyen, Dikjarazzjoni/20/846 tal-10 ta' Mejju 2020.

⁷⁸ Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tas-17 ta' Diċembru 2014, 1 BvR 21/12.

⁷⁹ Pereż. il-kontribut mill-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Imħallfin u l-Prosekuturi għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 14 b'referenzi ulterjuri jew il-kontribut mill-Kumitat Nazzjonali Ġermaniż tal-Avukati għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 14 b'referenzi ulterjuri.

⁸⁰ Informazzjoni riċevuta fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż u tal-proċess ta' konsultazzjoni għar-rapport, pereż. il-kontribut bil-miktub mill-Kunsill Nazzjonali Ġermaniż tal-Avukati.

⁸¹ Il-Ġermanja ma ddikjaratx stat ta' emerġenza u lanqas ma adottat reġim speċifiku ta' emerġenza, il-miżuri ttieħdu fil-Livell Federali fuq il-bażi tal-Liġi dwar l-Epidemiji kif ukoll fil-livell tal-*Länder*. Il-Qorti Kostituzzjonali.

⁸² Dan kien jinkludi s-sospensjoni temporanja ta' projbizzjoni totali tas-servizzi reliġjużi, id-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali Federali, id-29 ta' April 2020, 1 BvQ 44/20; ara wkoll id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali Federali, il-15 ta' April 2020, 1 BvR 828/20, li tikkonċerna l-libertà ta' għaqda. Għadd ta' sottomissjonijiet oħra ġew iddikjarati inammissibbli.

⁸³ Ara wkoll il-kawżi b'eżitu ta' suċċess pereż. Il-Qorti Amministrattiva Superjuri ta' Baden-Württemberg (VGH Baden-Württemberg), il-5 ta' Mejju 2020, il-Kawża Nru 1 S 1623/20 li tirrigwarda l-kriterju indikattiv għall-għadd ta' konsumaturi permess (20m2 għal kull persuna inkluż il-persunal) meqjus bħala probabbilment illeċitu; il-Qorti Amministrattiva Superjuri ta' Baden-Württemberg (VGH Baden-Württemberg), it-30 ta' Lulju 2020, il-Kawża Nru 1 S 2087/20 li tikkonċerna obbligu inkondizzjonali ta' ttestjar għall-persunal ta' biċċerija (darbtejn fil-ġimgħa) iddikjarat bħala sproporzjonat.

⁸⁴ L-Uffiċċju tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kummissarju Għoli (1993), Il-Prinċipji relatati mal-Istatus tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali (Il-Prinċipji ta' Pariġi).

ilha minn April 2018, immexxija biss fuq bażi *ad interim*.⁸⁵ Tmien *Länd* waqqfu wkoll aġenziji kontra d-diskriminazzjoni, apparti l-Aġenzija Federali Kontra d-Diskriminazzjoni.

Hemm fis-seħħ qafas abilitanti għas-soċjetà ċivili u politika biex l-informazzjoni ssir aċċessibbli għaċ-ċittadini. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu joperaw liberament fil-Ġermanja.⁸⁶ Għaddejja daqsxejn ta' diskussjoni rigward deċiżjoni tal-2019 tal-Qorti Finanzjarja Federali li tirrigwarda l-kriterji biex l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jibbenefikaw minn privileġġi tat-taxxa għall-assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ bi skop ta' benefiċċju pubbliku.⁸⁷ Il-partijiet ikkonċernati, fosthom l-Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, huma tal-fehma li din id-deċiżjoni qed tirrestrinġi l-ispazju tas-soċjetà ċivili.⁸⁸

Pubblikazzjonijiet u dibattiti regolari dwar suġġetti li jirrigwardaw l-istat tad-dritt, kemm minn perspettiva domestika kif ukoll dik Ewropea, jikkontribwixxu għat-trawwim ta' kultura dinamika tal-istat tad-dritt. Pjattaforma għad-diskussjonijiet b'udjenza vasta dwar suġġetti relatati mal-istat tad-dritt⁸⁹ kisbet kulma jmur importanza matul dawn l-aħħar snin u saret forum għad-diskussjonijiet domestiċi kif ukoll Ewropej dwar l-istat tad-dritt. Fl-2019, il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u għall-Protezzjoni tal-Konsumatur bħala parti mill-“Patt għall-Istat tad-Dritt” wettaq kampanja informattiva u pubbliċitarja fuq livell nazzjonali. Din il-kampanja ffukat fuq il-komunikazzjoni tas-sinifikat tal-istat tad-dritt u fuq il-garanziji li dan jipprovdi għaċ-ċittadin individwali kif ukoll għal soċjetà demokratika, u dan ikompli jiġi rifless fil-programm tal-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill (2020).

⁸⁵ Kontribut mill-Aġenzija Federali għad-Diskriminazzjoni għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 11.

⁸⁶ L-ispazju tas-soċjetà ċivili huwa gradat bħala miftuħ. Gradazzjoni mogħtija minn CIVICUS; il-gradazzjonijiet jingħataw fuq skala ta' ħames kategoriji definiti bħala: miftuħ, ristrett, imxekkel, repress u magħluq.

⁸⁷ Is-sentenza tal-Qorti Finanzjarja Federali tal-10 ta' Jannar 2019, V R 60/17.

⁸⁸ Il-Kontribut tan-Network Ewropew tal-Istituzzjonijiet għad-Drittijiet tal-Bniedem għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, p. 109.

⁸⁹ *Verfassungsblog*.

Anness I: Lista ta' sorsi f'ordni alfabetiku*

* Il-lista tal-kontributi riċevuti fil-kuntest tal-konsultazzjoni għar-rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt tinsab hawnhekk: (is-sit web COM).

Bundestag (2020), *Plenarprotokoll 19/163*.

Bundeskriminalamt (2018), Bundeslagebild Korruption 2017. <https://www.bka.de/SharedDocs/Downloads/DE/Publikationen/JahresberichteUndLagebilder/Korruption/korruptionBundeslagebild2017.html?nn=28078>.

Bundesregierung (2004), Richtlinie der Bundesregierung zur Korruptionsprävention in der Bundesverwaltung. http://www.verwaltungsvorschriften-im-internet.de/bsvwvbund_30072004_O4634140151.html.

Bundesverfassungsgericht, Il-paġna web dwar it-tipi ta' proċedimenti. https://www.bundesverfassungsgericht.de/EN/Verfahren/Wichtige-Verfahrensarten/wichtige-verfahrensarten_node.html.

Iċ-Ċentru għall-Pluraliżmu u l-Libertà tal-Media (2020), l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020 <https://cmpf.eui.eu/media-pluralism-monitor/mpm-2020>.

CIVICUS, Monitor tracking civic space: Germany. <https://monitor.civicus.org/country/germany/>.

Il-Kunsill tal-Ewropa, Platform to promote the protection of journalism and safety of journalists. <https://www.coe.int/en/web/media-freedom>.

Il-Kunsill tal-Ewropa: Committee of Ministers (2000), Recommendation Rec(2000)19 of the Committee of Ministers to member states on the role of public prosecution in the criminal justice system.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (2020), Stqarrija għall-istampa b'segwitu għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża tal-5 ta' Mejju 2020, Nru 58/20.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, is-sentenza tas-27 ta' Mejju 2019, OG u PI, il-Kawżi Magħquda C-508/18 u C-82/19.

Der Spiegel (2017), Was Abgeordnete nebenher verdienen. <https://www.spiegel.de/politik/deutschland/nebeneinkuenfte-in-den-landtagen-das-sind-die-top-verdiener-a-1136866.html>.

Die Linke, proposta għall-introduzzjoni ta' reġistru mandatorju tat-trasparenza: <http://dip21.bundestag.de/dip21/btd/19/000/1900015.pdf>.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (2019, 2020), l-Ewrobarometru Flash 482: l-attitudnijiet tan-negozji fil-konfront tal-korruzzjoni fl-UE.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (2020), l-Ewrobarometru Speċjali 502: korruzzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea (2013, 2014, 2015, 2016, 2017, 2018, 2019, 2020), It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE.

Il-Kummissjoni Ewropea (2020), Rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri.

Il-Kummissjoni Ewropea (2019), Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jivvaluta sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw mad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/JHA tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat, COM(2019)355 final.

In-Network Ewropew tal-Istituzzjonijiet għad-Drittijiet tal-Bniedem (2020), Kontribut min-Network Ewropew tal-Istituzzjonijiet għad-Drittijiet tal-Bniedem għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

L-Istitut Universitarju Ewropew, iċ-Ċentru għall-Pluraliżmu u l-Libertà tal-Media (2020), l-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Media tal-2020, 2020.

Il-Qorti Kostituzzjonali Federali, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2014, 1 BvL 21/12.

Il-Qorti Kostituzzjonali Federali, is-sentenza tal-5 ta' Mejju 2015, 2 BvL 17/09.

Il-Qorti Kostituzzjonali Federali, id-deċiżjoni tal-15 ta' April 2020, 1 BvR 828/20.

Il-Qorti Kostituzzjonali Federali, id-deċiżjoni tad-29 ta' April 2020, 1 BvQ 44/20.

Il-Qorti Kostituzzjonali Federali, is-sentenza tal-5 ta' Mejju 2020, BvR 859/15.

L-Uffiċċju Kriminali Federali (2019), *Bundeslagebild Korruption 2018*.

L-Aġenzija Federali għad-Diskriminazzjoni (2020), Kontribut mill-Aġenzija Federali għad-Diskriminazzjoni għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

Il-Qorti Finanzjarja Federali, is-sentenza tal-10 ta' Jannar 2019, V R 60/17.

Il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (2017), Il-Qrati tal-Gvernijiet federali u tal-istati. https://www.bmfv.de/SharedDocs/Downloads/DE/PDF/Anzahl_der_Gerichte_des_Bundes_und_der_Laender.pdf?__blob=publicationFile.

Il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (2019), Patt għall-Istat tad-Dritt. https://www.bmfv.de/SharedDocs/Artikel/DE/2019/020119_Rechtstaat.html.

Il-Ministeru Federali għall-Intern, il-Binjiet u l-Komunità (2019), Prevention of Corruption in the Federal Administration: Annual report for 2018. https://www.bmi.bund.de/SharedDocs/downloads/EN/themen/moderne-verwaltung/korruption-prevention-report-2018.pdf?__blob=publicationFile&v=2.

L-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Imħallfin u l-Prosekuturi (2020), Kontribut mill-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Imħallfin u l-Prosekuturi għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

Il-Kumitat Nazzjonali Ġermaniż tal-Avukati (2020), Kontribut mill-Kumitat Nazzjonali Ġermaniż tal-Avukati għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

Il-Kamra tal-Avukati Federali Ġermaniża (2020), Kontribut mill-Kamra tal-Avukati Federali Ġermaniża għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

Il-Gvern Ġermaniż (2020), Kontribut mill-Ġermanja għar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

Il-Kunsill tal-Istampa tal-Ġermanja, il-Codex tal-Istampa tal-Ġermanja <https://www.presserat.de/pressekodex.html>.

GRECO (2015), Fourth Evaluation Round – Evaluation Report on Germany on corruption prevention in respect of members of Parliament, judges and prosecutors.

GRECO (2019), Fourth Evaluation Round – Second Compliance Report on Germany on corruption prevention in respect of members of Parliament, judges and prosecutors.

Medienanstalten, Il-paġna web tal-bażi ġuridika tal-awtoritajiet tal-media. <https://www.die-medienanstalten.de/service/rechtsgrundlagen>.

Medienanstalten, Il-paġna web dwar l-awtoritajiet tal-media. <https://www.die-medienanstalten.de/en/about-the-media-authorities>.

OECD (2018), Implementing the OECD anti-bribery convention – Phase 4 report: Germany. <https://www.oecd.org/corruption/anti-bribery/Germany-Phase-4-Report-ENG.pdf>.

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea Ursula von der Leyen (2020), Dikjarazzjoni tal-President Von der Leyen, statement/20/846.

Reporters without Borders (2019, 2020), World press freedom index. <https://rsf.org/en/ranking/2019>. <https://rsf.org/en/ranking/2020>.

Transparency International (2019), Corruption Perceptions Index 2019. <https://www.transparency.org/en/cpi/2019/results/deu>.

L-Uffiċċju tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kummissarju Għoli (1993), Il-Prinċipji relatati mal-Istatus tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali (Il-Prinċipji ta' Pariġi) – Adottati bir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali 48/134 tal-20 ta' Diċembru 1993.

L-Uffiċċju tan-NU kontra d-Droga u l-Kriminalità (2019), Review of implementation of the United Nations Convention against Corruption – Executive summary: Germany. <https://www.unodc.org/documents/treaties/UNCAC/WorkingGroups/ImplementationReviewGroup/17-18December2019/V1911805e.pdf>.

Verfassungsblog: Dwar materji kostituzzjonali. <https://verfassungsblog.de/>.

Żjara tal-pajjiż virtwali fil-Ġermanja fil-kuntest tar-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt.

Il-Bank Dinji, Il-Profil tal-Pajjiż: il-Ġermanja. <https://star.worldbank.org/sites/star/files/germany-ad-country-profile.pdf>.

Anness II: Żjara tal-pajjiż fil-Ġermanja

Is-servizzi tal-Kummissjoni kellhom laqgħat virtwali f'Ġunju 2020 ma':

- Il-Kanċellerija tal-Istat tal-Bavarja
- Il-Kumitat Ewropew tal-Konferenza tal-Ministri għall-Ġustizzja tal-Istati Federali
- Uffiċċju tal-Pulizija Kriminali Federali
- Il-Ministeru Federali għall-Ġustizzja u għall-Protezzjoni tal-Konsumatur
- Il-Ministeru Federali għall-Intern
- L-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Imħallfin
- Il-Kamra tal-Avukati Ġermaniża (BRAK)
- L-Assoċjazzjoni tal-Avukati Ġermaniżi (DAV)
- L-Uffiċċju tal-Ġestjoni Konġunta tal-Awtoritajiet tal-Media
- Transparency International il-Ġermanja

* Il-Kummissjoni Itaqgħet ukoll mal-organizzazzjonijiet li ġejjin f'għadd ta' laqgħat orizzontali:

- Amnesty International
- Civil Liberties Union for Europe
- Civil Society Europe
- Conference of European Churches
- Eurocommerce
- European Center for Not-for-Profit Law
- Iċ-Ċentru Ewropew għal-Libertà tal-Istampa u tal-Media
- European Civic Forum
- Free Press Unlimited
- Front Line Defenders
- ILGA-Europe
- Il-Kummissjoni Internazzjonali ta' Ġuristi
- Il-Federazzjoni Internazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem
- L-Istitut Internazzjonali għall-Istampa
- Il-Pjattaforma għat-Tagħlim tul il-Ħajja
- Open Society Justice Initiative/Open Society European Policy Institute
- Reporters without Borders
- Transparency International EU